**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Carmel Carl D'Amato**

**(ID 43890M)**

**Illum is-16 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Carmel Carl D'Amato** iben Joseph Mary D'Amato imwieled Pieta Malta, nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija dishga u tmenin (1989) u residenti fil-fond bin-numru 14, Blue Pearl, Cadeo Street, Marsaxlokk, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0043890M waqt hin tal-ispezzjoni kien qieghed jagixxi bhala sid u l-kaptan tad-ghajsa bin-numru ta' Registrazzjoni S18144, akkuzat talli nhar is-sbatax (17) ta' Lulju elfejn u ghoxrin (2020), u fil-granet u gimghat ta' qabel din id-data, fil-Gzejjer u fl-ibhra territorjali Maltin, b'diversi atti maghmula minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Waqt il-hin tal-ispezzjoni kien qieghed jagixxi ta' kaptan u sid tad-dghajsa bin-numru ta' Registrazzjoni S18144, talli dghajsa bin-numru S18144 kienet inovluta f'sajd illegali, mhux irrapurtat u mhux irregolat (IUU) bi ksur tar-restrizzjonijiet impost mill-artikolu 3 (a) tar-regolament (KE) 1005/2008 meta stad minghajr licenzja, awtorizazzjoni jew permessi validi mahrugin mill-istat tal-bandiera jew l-istat kostali rilevanti. Dan il-ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skont i-

dettammin ta' L.S. 425.08 u precizament l-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni.

2. Waqt l-hin tal-ispezzjoni kien qieghed jagixxi ta' kaptan u sid tad-dghajsa bin-numru ta' Registrazzjoni S18144, talli kien involut f'sajd illegli, mhux irrapurtat u mhux irregolat (IUU) bi ksur tar-restrizzjonijiet imposti mill-Artikolu 39 tar-regolament (KE) 1005/2008. Dan il-ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skont id-dettammi ta' L.S. 425.08 u precizament l-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni.

3. Waqt il-hin tal-ispezzjoni kien qieghed jagixxi ta' kaptan u sid tad-dghajsa bin-numru ta' Registrazzjoni S18144, talli kien involut f'sajd tal-Bluefin Tuna, minghajr awtorizazzjoni specjali mill-Awtoritajiet kif mitlub taht l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2016/1627. Dan il-ksur jikkostitwixxi reat skond id-dettammi ta' L.S. 425.08 u precizament l-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni.

4. Waqt il-hin tal-ispezzjoni kien qieghed jagixxi ta' kaptan u sid tad-dghajsa bin-numru ta' Registrazzjoni S18144, talli naqas milli jottempera mal-obbligi taht l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) 2016/1627, li jitlob li ghas-sajd sportiv u rikreattiv m'ghandix tinqabad iktar minn tonna wahda ghal kull bastiment kuljum. Dan il-ksur jikkostitwixxi reat skont id-dettammi ta' L.S. 425.08 u precizament l-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni.

5. Waqt il-hin tal-ispezzjoni kien qieghed jagixxi ta' kaptan u sid tad-dghajsa bin-numru ta' Registrazzjoni S18144, talli naqas milli jottempera mal-obbligi tat l-artikolu 30(4) tar-Regolament (KE)2016/1627 li jitlob li ma ghandux ikun permess li wiehed ihott l-art jew jittrasborda mill-bastimenti tas-sajd kwalunkwe kwantita' ta' tonn mistad fil-Mediterran f'postijiet ohra minhabba l-portijiet jew il-postijiet qrib ix-xatt maghzulin mill-awtoritajiet tal-Istat Membru (Malta). Dan il-ksur jikkostitwixxi reat skont id-dettammi ta' L.S. 425.08 u precizament l-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni.

6. Waqt il-hin tal-ispezzjoni kien qieghed jagixxi ta' kaptan u sid tad-dghajsa bin-numru ta' Registrazzjoni S18144, talli naqas milli jittempera mal-obbligi taht l-Artikolu 31(2) tar-regolament (KE) 2016/1627, li jitlob li l-kaptana tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ta' tul totali ta' inqas minn

12 il-metru ghandhom mil-inqas erba' sighat qabel il-hin stmat tal-wasla taghhom fil-port, jgharrfu lill-awtorita' kompetenti tal-Istat Membru (inkluz l-Istat Membru tal-bandiera) li huma jkunu jixtiequ juzaw il-portijiet jew il-facilita' ta' hatt l-art taghha, tal-inqas b'dan li gej;

(a) Il-hin stmat tal-wasla taghhom
(b) L-istima tal-kwantita' ta' tonn mizmum abbord; u
(c) It-taghrif dwar iz-zona geografika fejn ikunu saru l-qabdiet.

Dan il-ksur jikkostitwixxi f'reat ta' xorta gravi skont ir-Regolamenti 4(4) u (6)(s) tal-Ligi Sussidjarja 425.08 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas il-kost u l-ispejjez kont l-artikolu 31(4) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll skont id-disposizzjoniijet tal-artikolu 35 tal-kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas il-kost u l-ispejjez skont l-artikolu 31(4) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex jaghgobha tordna u timponi l-provvedimenti skont l-Artikoli 30(2) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tal-konfiska favur il-Gvern tal-prodotti tas-sajd u l-kost u spejjez u dan dejjem skont dawk il-provvedimenti li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni li tordna u timponi

Semghet lix-xhieda jixhdu;

Rat id-dokumenti esebiti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li waqt l-ispezzjoni li saret mill-ufficjali tad-dipartiment tas-sajd fis-17 ta' Lulju 2020, l-istess ufficjali osservaw dghajsa li kenet qed tigi rmunkata fuq karozza gewwa Birzebbuga u minn tfittxija li saret instab it-tonn fuq l-istess dghajsa.

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu l-qua imputat gie akkuzat mil-prosekuzzjoni talli fil-mument tal-ispezzjoni kien qed jagixxi bhala sid jew kaptan tal-imsemmija dghajsa. Fl-ewwel lok jinghad, illi galadarba l-imputat ma giex mghoti d-drittijiet aspettanti lilu ex lege bhala persuna suspettata din l-Qorti ser tiskarta kwalunkwe dikjarazzjoni li huwa

setgha ghamel lill-ufficjali tas-sajd li ghamlulu l-ispezzjoni. Stabbilit dan, jirrizulta ukoll li dina l-Qorti hija kompletament sprovista minn kwalunkwe prova ta' min effettivament kien sid id-dghajsa in kwistjoni fid-data mertu tal-imputazzjonijiet odjerni. Ghaldaqstant jibqa' biss li dina l-Qorti tanalizza jekk waqt l-ispezzjoni l-imputat kienx qed jagixxi bhala kaptan tad-dghajsa. Mix-xhieda tal-ufficjali stess jirrizulta li waqt il-hin tal-ispezzjoni l-imsemmija dghajsa kienet gia giet irmunkata fuq vettura. Ghaldaqstant f'dak il-mument tal-ispezzjoni ma jistgha qatt jirrizulta li l-qua imputat kien qed jagixxi bhala kaptan tal-istess dghajsa (galadarba dan setgha jsir biss fuq il-bahar). Tenut kont ta' dan, din il-Qorti fuq nuqqas ta' provi rigwardanti n-ness bejn il-qua imputat u dghajsa in kwistjoni tenut kont tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti, ser tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, qed issib lil qua imputat Carmel Carl D'Amato, mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament ser tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur.